MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2008

Numru 653/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**

**vs**

**Sandro Schembri Adami**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Sandro Schembri Adami ta' 41 sena, iben Francis u Yvonne nee' Brincat Depasquale, imwieled Valletta, fil-5 ta' Awissu 1963 residenti 15, Flat 17, Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta u detentur tal-karta tal-identita' numru 488863 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fix-xahar ta’ Dicembru 2004, fil-Belt Valletta u f’ postijiet ohra f’ dawn il-Gzejjer, fil-kapacita’ tieghu ta’ Nutar, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda,

1. Appropja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu, fil-kapacita’ tieghu ta’ Nutar u cioe appropja ruhu minn flejjes ta’ Joseph Verzin detentur tal-karta tal-identita’ 334142 (M) liema flejjes jammontaw ghas-somma ta’ aktar minn elf lira (1,000) u li kienu gew fdati jew ikkunsinati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju. (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 293, 294 u 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

2. B’ mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’ qerq, bi hsara ta’ Joseph Verzin detentur tal-karta tal-identita’ numru 334142 (M). (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308,309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

3. Il-Qorti kienet mitluba sabiex f’ kas ta’ htija, tikkundanna lil Sandro Schembri Adami ghal hlas ta’ spejjes li kellhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti f’ dawn il-proceduri.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 12 ta’ April 2007 fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli :

a) 293, 294 u 310 (1) (a) tal-Kodici Kriminali
b) 308 u 310 (1) (a) tal-Kodici Kriminali
c) 309 u 310 (1) (a) tal-Kodici Kriminali

Rat li waqt l-udjenza tal-20 ta’ Gunju 2008 l-imputat iddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta ta’ l-20 ta’ Gunju 2008 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena, l-Qorti kkunsidrat li l-imputat ghandu fedina penali netta u li huwa kkoopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Wara li rat l-Artikoli 17**,** 293, 294, 310 (1) (a) 308 u 309, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lil imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin millum.

Il-Qorti tordna wkoll l-interdizzjoni generali perpetwa tal-imputat ai termini tal-Artikolu 190 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Inoltre l-Qorti tordna li estratt ta’ din is-sentenza tigi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern, ai termini ta’ l-Artikolu 10(7) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos li josservaha.

L-imputat minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------